**27 ta' Frar, 1995**

**Imħallef:-**

**Onor. Geoffrey Valenzia B.A., LL.D.**

Paul Calleja

*versus*

Richard Calleja *et*

## Azzjoni ta' Rexissjoni ta' Bejgħ - Depożitu ta' l-Oġġetti Mixtri

*F'każ ta' azzjoni tar-rexissjoni ta' bejgħ l-attur ma jistax ikompli jagħmel użu mill-oġġett mixtri (f'dan il-każ, karozza) u jusufruwixxi mill-kuntratt li huwa qed jitlob li jiġi rexiss. Dan l-aġir mhux kompatibbli ma' l-azzjoni ta' rexissjoni għaliex din timporta - fost konsegwenzi oħra - li kull parti għandha trodd lura lill-oħra dak li tkun irċeviet jew daħħlet b'effett u/jew bis-saħħa tal-kuntratt u li l-partijiet jiġu mqiegħda fl-istat li fih kienu qabel il-ftehim.*

Il-Qorti:-

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-attur ippremetta illi f'dawn l-aħħar ġranet, l-attur xtara mingħand il-konvenut Richard Calleja, Austin 1100 numru K-4042 bil-prezz ta' erba' mija u tletin lira (Lm430) li huwa ħallas lill-istess Richard Calleja u kif xtraha, saqha mir-Rabat (il-post tal-konsenja) u meta wasal il-Ħamrun, dina waqfet bi ħsara tant li kellu jirmonkaha sal-Floriana;

U premess illi l-attur qabel il-konsenja tal-vettura nkorra sebgħin lira spejjeż konsistenti f'*towing*, assigurazzjoni u liċenzja tal-Pulizija waqt it-trasferiment li sar minn Joseph Zammit Cordina li kien għadu jidher bħala sid ta' dil-vettura fir-*records* tal-Pulizija u għalhekk kien deher biex jiffirma t-*transfer* relattiv favur l-attur;

U premess illi dina l-karozza kienet difettuża b'vizzji li ma jidhrux u per konsegwenza l-bejgħ tagħha huwa rexxindibbli u hemm lok għar-rifużjoni tal-prezz imħallas kif ukoll għall-ispejjeż li nkorra l-attur in konnessjoni ma' dan il-bejgħ;

Talab għalhekk lil din il-Qorti tiddikjara u tiddeċidi f'każ ta' bżonn b'opera ta' periti *nominandi* illi l-vettura K-4042 kienet difettuża u affetta b'vizzji moħbija u għalhekk il-bejgħ huwa rexxindibbli; (2) għaliex per konsegwenza m'għandux il-konvenut Richard Calleja jiġi kkundanat li jirrifondi lill-attur is-somma ta' Lm430 prezz lilu mħallas mill-attur għall-istess karozza; (3) prevja d-dikjarazzjoni li l-konvenuti, jew min minnhom huma responsabbli lejn l-attur għad-danni lilu kkaġunati bħala spejjeż in konnessjoni max-xiri/bejgħ ta' l-istess karozza, liema xiri/bejgħ kien null u bla ebda effett, m'għandhiex dil-Qorti tikkundannahom jew min minnhom, iħallsu lill-attur is-somma ta' sebgħin lira (Lm70) jew kull somma verjuri in linea ta' danni kif fuq intqal u għar-raġunijiet fuq imsemmija;

Bl-imgħaxijiet u bl-ispejjeż inklużi dawk tal-Mandat ta' Qbid 1115/93 ta' l-1 ta' Ġunju, 1993 kontra l-konvenuti jew min minnhom;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet li ġiet debitament imwettqa bil-ġurament mill-konvenut Richard Calleja;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet li ġiet debitament imwettqa bil-ġurament mill-konvnut Joseph Zammit Cordina;

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament;

Rat id-deċiżjoni tagħha tat-2 ta' Mejju, 1994 (a fol. 25) li biha dina l-Qorti ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut Richard Calleja dwar il-preskrizzjoni, spejjeż kontra tiegħu;

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet tal-konvenuti fol. 31 u 37 u ta' l-attur fol. 35;

Rat il-verbal tas-16 ta' Ġunju, 1994 u tal-lum stess li bih l-avukati difensuri talbu li tingħata sentenza fuq it-tielet eċċezzjoni tal-konvenuti;

Din il-kawża tħalliet għad-deċiżjoni dwar it-tielet eċċezzjoni tal-konvenuti u ċjoe` dik fis-sens illi l-attur kellu l-ewwel jiddepożita l-karozza in kwistjoni qabel ma jkun jista' legalment jipproponi azzjoni bħal din;

Il-konvenuti in sostenn ta' l-eċċezzjoni tagħhom qed jgħidu li l-artikoli 1227 u 1228 tal-Kodiċi Ċivili jimponu l-obbligu illi persuna, bħall-attur, li allura tkun saret taf bid-difett li kellha l-karozza, għandha tiddepożita l-istess karozza taħt l-awtorita` tal-Qorti biex b'hekk din tibqa' fl-istat li kienet fil-mument li l-attur induna bid-difett, pero` għall-kuntrarju l-attur baqa' juża l-istess karozza bl-intenzjoni li jirritornaha biss jekk ikollu eżitu finali favur tiegħu. Dan fil-fehma tal-konvenuti jkun ta' preġudizzju għall-istess

konvenuti billi l-karozza se mai jkun ħadha lura fi stat ferma agħar milli kienet qabel;

In sostenn ta' din l-eċċezzjoni ġiet ċitata ċ-ċitazzjoni numru 738/88 MB fl-ismijiet **Carmel Vella *vs* Rosalie Mifsud** deċiża fit-2 ta' Novembru, 1990 fejn dik il-Qorti kienet qalet hekk:

"Jirriżulta għalhekk illi anke meta l-attur sar jaf bid-difetti determinanti għar-rexissjoni tal-bejgħ huwa xorta waħda - almenu għal madwar sena u nofs wara din ix-xjenza - baqa' jagħmel użu mill-karozza u b'hekk jiġi li kompla jesegwixxi u jużufruwixxi mill-kuntratt li huwa qed jitlob li jiġi rexiss. Dan l-aġir mhux kompatibbli ma' l-azzjoni tar-rexissjoni, għaliex din timporta - fost konsegwenzi oħra - li kull parti għandha trodd lura lill-oħra dak li tkun irċeviet jew daħlet b'effett u jew bis-saħħa tal-kuntratt - artikolu 1209(2) Kap. 16 - u li l-partijiet jiġu mqiegħda fl-istat li fih kienu qabel il-ftehim - artikolu 1209 (1)";

F'dawn iċ-ċirkostanzi jargumentaw il-konvenuti, l-azzjoni tar-rexissjoni ma baqgħetx aktar miftuħa għall-attur;

Da parti tiegħu l-attur jirrispondi illi filwaqt illi ma jopponix għas-sitwazzjoni legali kif spjegata mill-konvenuti, pero' fiċ-ċirksotanzi una volta li l-karozza wriet difett li wriet kif irriżulta ampjament diġa' mill-provi u dina l-karozza għadha wara bieb il-Furjana, allura ma jagħmilx sens illi karozza li nxtrat fl-ammont ta' Lm430 tonfoq tant spejjeż fuq iggaraxxjar tagħha li tilef kull benefiċċju li qatt tista' tirreka minnha;

Tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, din il-Qorti, ma jidhrilhiex li hemm għal fejn ittawwal iżjed biex il-konvenuti

jikkonfermaw dak li qed jgħidu fin-noti tagħhom, stante li ma jidhirx li hemm kontestazzjoni dwaru, tara illi filwaqt illi huwa veru illi l-liġi ma tridx illi min jireklama li għandu xi difett f'oġġett mixtri jibqa' jibbenifika minu sa l-eżitu finali tal-kawża, jidher pero` illi hawnhekk m'hu qed isir assolutament l-ebda benefiċċju għall-attur minn dina l-vettura. Jista' forsi jiġi argumentat illi kieku din il-vettura tiġi ddepożitata ssirilha inqas ħsara mill-elementi, iżda jekk id-depożitu jsir, jispiċċa biex iħalli l-karozza fl-istess stat espost għall-elementi bħal ma qiegħda llum, tenut kont ukoll tal-valur ta' din il-vettura, il-posizzjoni ma tantx tagħmel differenza;

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk il-Qorti jidhrilha li għandha tiċħad it-tielet eċċezzjoni tal-konvenuti bl-ispejjeż kontra tagħhom;

Tħalli l-kawża għall-kontinwazzjoni fil-meritu għall-ħamsa (5) ta' Ġunju, 1995.